# Lewis Endrich

## u l-Għolja ta' Għammar fl-Għasri

tifkiriet ta'

Mons. Prof. Dr. Amante Buontempo J.U.D., Adv. S.R.R.
Membru tal-Kapitlu Metropolitan



Fl-aħħar ktieb tiegħi ta' poeżiji bi tlett ilsna *QUID RETRIBUAM?* kelli wkoll xi ftit proża, x'aktarx storika u b'karattru awtobijografiku, li ttamajt li setgħet tkun ta' interess għal min jogħġbu jaqra dan il-ktieb. Fost dawn is-siltiet ta' proża kien hemm kitba qasira dwar Lewis Endrich (f'Għawdex magħruf bħala s-Superjur) u l-ex-Mużewmin fil-ħsieb ta' Dun Ġorġ Preca, illum Beatu. Din il-kitba għalaqtha bil-kliem li ġej: "Żgur li r-rabta tiegħi ma' Lewis Endrich żdiedet ħafna u bdejt inkun xhud tal-ħafna rabtiet sbieħ li kien ikollu mal-Madonna u mal-Għolja ta' Għammar, quddiem Ta' Pinu, Għawdex. Fuq din il-ħaġa nkompli nikteb aktar il-quddiem." U hekk qiegħed nagħmel illum.

Wara li l-Għaqda ta' l-ex-Mużewmin ġiet aċċettata mill-Beatu Dun Ġorġ bl-isem ta' KO-OPERATURI, Lewis u jien, flimkien ma' wħud oħra minn dawk il-ftit li ma ridux ikunu parti mill-Mużewm, bqajna niltaqgħu sikwit bil-għan li nitolbu u nsaħħu l-ħbiberija ta' bejnietna f'inħawi, fejn stajna aħjar nitbiegħdu mill-ħsejjes tad-dinja. Lili personalment Lewis kien jafdali ċerti sigrieti fuq id-devozzjoni li kellu lejn il-Madonna u fuq dehriet li kien jgħidli li jkollu. Waħda mill-inħawi privileġġjati tiegħu kienet proprju, il-Għolja ta' Għammar, fejn spiss konna mmorru ngħidu r-Rużarju u nagħmlu l-*Via Sagra* aħna u telgħin. Hawnhekk nixtieq ninnota li għall-ewwel Frenċ tal-Għarb ma kienx ikun magħna għax kien jaħseb li kull devozzjoni ġdida marbuta ma' ta' Għammar setgħet tnaqqas dik li kienet ħafna għażiża għalih, il-ħeġġa li kellu lejn il-Madonna Ta' Pinu.

Ta' min ifakkar hawnhekk li Endrich il-*Via Sagra* kien jagħmilha ħafi, ngħid għalija, imqar biż-żarbun kont inweġġa ħafna. Qatt ma konna nkunu waħidna, għax magħna għall-*Via Sagra* kienu jiġu Maltin oħra, forsi anki xi Għawdxin. Niftakar sewwa li fost dawk li kienu jissieħbu magħna f'dan it-talb kien hemm Dun Anton Xiberras, li kien jaħdem fl-Uffiċċju Missjunarju. Dan is-saċerdot Naxxari kien u għadu joqgħod San Ġiljan. Hu qassis twajjeb ħafna u eżemplari. Hekk ukoll beda jissieħeb magħna l-Kummissarju ta' Għawdex, li naturalment ħabrek ħafna biex sar dak is-Salib tal-konkrit, li kien inbena flok ieħor żgħir li kien hemm qabel. Dan is-salib żgħir li miegħu kien hemm xbieha tal-Madonna, kelli x-xorti nbierku jien stess bil-permess ta' l-Isqof Ġużeppi Pace. Illum jinsab f'xi rokna tas-Santwarju Ta' Pinu. Ma nafx jekk hemmx irrekordjat dan id-dettall li jorbot lili miegħu. Inħossni unurat quddiem il-Mulej u quddiem il-Madonna fil-ħafna rabtiet li għandi magħha, l-aktar fis-sehem kbir li kelli fit-twaqqif tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni minn Ġuża Mifsud fil-Girġenti ta' Malta.



Meta l-ġemgħa tad-devoti ta' Għammar bdiet issir xi ftit imdaqqsa, jien u Endrich konna ninxteħtu għarkubbtejna weħidna quddiem dak is-Salib żgħir, u l-oħrajn kienu jinġabru f'roqgħa għaliha ftit 'il bogħod minn fejn konna nkunu aħna. Ngħid hawnhekk, bla ma nidħol fil-jeddijiet ta' l-Awtotità tal-Knisja, li meta konna nkunu weħidna Endrich u jien, kont nisimgħu jitkellem mal-Madonna, u lili kien jgħidli li hi kienet tkellmu wkoll. Tant hu hekk li darba fost l-oħrajn qalilna li l-Madonna riedet kappella hemm fuq. Għal din l-aħbar, li lkoll aċċettajna bħala rieda tal-Madonna, u għalhekk tal-Mulej, iddeċidejna li

Lewis Endrich mgħobbi s-salib waqt li flimkien ma' grupp ta' pellegrini nsara kienu qed jagħmlu l-Via Sagra tul *Via Dolorosa,* l-istess triq li għamel Kristu mingħand Pilatu għal fuq il-Kalvarju, Ġerusalemm.




Lewis Endrich jippoża ħdejn avviż, bl-Ingliż u bil-Lhudi, li jindika Triq il-Kruċjati, Ġerusalemm, triq mibnija oriġinarjament fi żmien ir-Rumani.


*L-awtur: Mons. Amante Buontempo*

mmorru lkoll flimkien għand l-Isqof Pace – naturalment bla ma nsemmulu xejn dwar l-allegati dehriet – u nitolbuh jagħtina l-permess biex nibnu kappella fuq l-Għolja. Jien stess irranġajt appuntament ma' l-Isqof għall-grupp żgħir li konna. Dan li qed nikteb hawnhekk huwa kollu dokumentat, għax jien minn dejjem ninnota fid-djarju personali tiegħi kull ġrajja ta' ċerta importanza. Infatti għandi mniżżel li fit-12 ta' Diċembru, 1961 kelli laqgħa waħdi ta' siegħa ma' l-Isqof Pace. Fiha tani l-permess biex inbierek dak il-kurċifiss, li konna se nqiegħdu fuq l-Għolja ta' Għammar. Għandi mniżżel ukoll li ma' Endrich u sħabna morna Għawdex biex nagħmlu ċ-ċerimonja tat-tqegħid u tal-barka tal-kurċifiss, li saret waqt laqgħa straordinarja fil-21 ta' Diċembru, 1961. Il-ħin kien bejn nofsillejl u s-2 a.m. Naturalment dan kollu sar żmien qabel ma waslitilna l-proposta tal-kappella, li semmejna hawn fuq.

Hawnhekk se nerġa' mmur lura għal dik l-imbierka kappella li semmejt qabel. Kif konna miftehmin minn qabel, waqt il-laqgħa li kellna ma' l-Isqof, tkellimt jien biss. Għedtlu li xtaqna nibnu kappella fuq l-Għolja ta' l-Għammar. Mill-ewwel weġibna b'dan il-kliem preċiż: "Kappella ma ntikomx, għax jiena ma rridx li jkun hemm knisja quddiem oħra"; u ssokta jgħidilna: "Taf x'nagħtikom! Nagħtikom li tagħmlu *Via Sagra*". Ħarisna lejn xulxin. Irringrazzjajnieh, tlabnieh iberikna, u tajna bidu għax-xogħol iebes tal-ġbir. Minn hawn bdiet il-ħidma bla heda ta' Frenċ tal-Għarb, li kkonvinċa ruħu li, wara kollox, kien l-Isqof innifsu li ssuġġerixxa l-*Via Sagra* fit-telgħa ta' Għammar. Kull verżjoni oħra ta' din il-ġrajja storika tkun 'il bogħod mis-sewwa. Jekk l-Isqof Pace kienx jaf jew le li aħna konna ilna ħafna nagħmlu l-*Via Sagra* bla statwi ma nistax ngħid. Żgur li jiena qatt ma semmejtlu xejn, u wisq inqas Frenċ, li sa dakinhar kien għadu xettiku dwar ta'Għammar, u forsi kien għadu ma bediex jitla' magħna. Ma għandi l-ebda ħsieb li nnaqqas il-merti kbar li kellu Frenċ fil-ġbir tal-flejjes li ntefqu biex saru dawk l-istatwi hekk sbieħ, u li issa qegħdin iżejjnu wieħed mill-isbaħ komplessi marbuta ma' ta' Għammar. Dak li xtaqt infisser hawnhekk hu biss il-fatt li kien l-Isqof ta' dak iż-żmien, li mhux biss ta l-permess, iżda wkoll issuġġerixxa li jsiru dawk l-istatwi tal-*Via Sagra*, li Endrich u jien u oħrajn, Maltin u Għawdxin, konna ilna ħafna nagħmluha mingħajrhom.

Minn din il-ġrajja storika waqfet kważi għal kollox kull ħidma tiegħi b'rabta mal-Għolja ta' Għammar, għax il-Mulej għoġbu jgħaddini minn Kalvarju ieħor, li wassalni għal xebh aktar sħiħ ma' Kristu Msallab.*

* Min jinteressah li jkun jaf ir-raġuni għal dan kollu, huwa mistieden jara: A. Buontempo, ***Irbaħt***, Union Press, Valletta – Malta, 1968.